TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 449/11/F

**Marvic Sicali**

**vs**

**Ideal Bathrooms Ltd.**

Illum 23 t'April, 2015

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fis-17 ta' Ottubru, 2011 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' seba' mitt ewro (€700), fejn talbet li l-garanzija tas-*solar water heater* tkun effettiva mill-ġurnata li dan jiġi *commissioned.*

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huma rappreżentanti tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet akkwistat appartament mingħand l-Awtorita' tad-Djar fid-19 ta' Settembru, 2007. Illi s-*solar water heater* kellu l-garanzija li tibda fl-2006 u ġie *commissioned* f'Ottubru 2007. Illi irriżulta li s-*solar water heater* kellu ħsarat ta' iktar minn ħames mitt ewro (€500), u dan ġara f'Ġunju 2011, u għalhekk kien għadu fil-garanzija ta' ħames snin.

L-intimat issottometta illi l-garanzija ta' ħames snin bdiet meta fil-fatt ġie nstallat is-*solar water heater*. Wara li ġie komplut ix-xogħol saret spezzjoni u ġie iċċertifikat mill-Awtorita' tad-Djar, u dan ġara f'Jannar 2006, u għalhekk skadiet f'Jannar 2011.

It-Tribunal ġie provdut ukoll kuntratt t'akkwist *daparte* tar-rikorrenti li sar mal-Awtorita' tad-Djar.

It-Tribunal, ħa nota tax-xhieda tar-rappreżentant tal-Awtorita' tad-Djar, fejn ikkonferma li l-garanzija bdiet tgħodd mill-1 ta' Jannar 2006, u minkejja li ma kinitx okkupata jew mixtrija mir-rikorrenti minn hemm bdiet il-garanzija.

It-Tribunal, iffaċċjat b'dawn il-provi, m'għandux għażla ħlief li jikkonkludi li l-garanzija bdiet minn Jannar 2006, u għalkemm ir-rikorrenti ma ħaditx it-titlu tal-post mis-sena li bdiet il-garanzija, jinnota li fuq il-kuntratt ma jsemmi xejn fuq il-garanzija tas-*solar water heater* u li ma ntalbet l-ebda estenzjoni f'dan ir-rigward.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, u bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**